# 71. Il-Għassies tal-Qobra

Telaq kulħadd; nixef il-fjur imlewwen
tas-slaleb u l-kuruni fuq il-qabar;
ix-xemgħa ntemmet u l-fanal intefa';
fuq niesha u fuq qrabatha reġa' s-sabar.

U żewġha reġa' żżewweġ mara oħra,
uliedha żżewġu wkoll, u lkoll insewha;
u l-Mejta baqgħet kollha waħdenija
fid-dlam tat-trab fil-ħofra li poġġewha.

Telaq kulħadd u kulħadd lilha nesa,
minbarra Wieħed biss, u Wieħed biss:
bil-lejl, binhar qed għassa fuq il-qabar
b'idejh miftuħa t-tnejn, il-Kurċifiss.

U meta fil-qawmien hi tqum min-nagħsa,
Hu jinżel mis-salib, u lejn il-Wied
jeħodha għand Missieru u jgħidlu ħlejju:
din emmnet fik, Missier, ħudha s-smewwiet.